**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 76/2021**

**Lisa Muscat**

**Vs**

**Il-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Għalliema f'Malta; u l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

It-Tribunal:

Ra r-rikors ta' **Lisa Muscat** ippreżentat fis-27 ta' Lulju, 2021, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:

1. *Dan huwa appell taħt l-artikolu 32 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta) minn deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta li ġiet ikkomunikata lill-esponenti permezz t'ittra datata 7 ta' Lulju 2021, hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM1'*** *u dan in segwitu għall-applikazzjoni 'Application for a Teacher's Warrant' li ssottometiet l-esponenti bid-dokumentazzjoni relattiva kolha, datata 28 ta' Ġunju 2021, hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM2'****;*

2. *L-esponenti bdiet tiprattika fil-professjoni ta' għalliema, skond id-disposizzjoni li kienu jirregolaw il-professjoni, sa mill-1995 u fit-30 ta' Novembru 1998 l-esponenti kisbet b'suċċess Certificate in Education for Instructors, fejn kienet għamlet tlett mitt (300) siegħa pedagoġija, liema kwalifika ġiet evalwata u kkonfermata mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki fl-4 ta' Marzu 2010, kopja ta' liema konferma ġiet sottomessa mall-applikazzjoni għall-warrant surreferita u qeda tiġi hawn annessa u mmarkat bħala* ***Dok. 'LM3'****;*

3. *L-esponenti ila snin twal tibni esperjenza bħala għalliema u dan sa minn 1995, tant illi hija applikat u ingħatat warrant temporanju ta' għalliema fl-1995 sabiex tkun tista*

*tgħallem fi skejjel, li għandu n-numru 3279 u qiegħed jiġi hawn anness u immarkat bħala* ***Dok. 'LM4'*** *u kompliet taħdem fil-professjoni bl-aspettazzjoni li wara li jkun għadda l-ammont ta' żmien rikjest mill-liġi viġenti dak iż-żmien, ossia ħmistax (15) il sena ai termini ta' l-artiklu 9 (3) (d) ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988, hija tkun tista tapplika għall-warrant permanenti ta' għalliema;*

4. *L-artiklu 9 (3) (d) ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988 jgħid is-segwenti:*

PART II

*Teachers' Warrants*

Permanent Warrant.

**9.** (1) No person may exercise the profession of teacher in a school and receive remuneration therefor without a warrant from the Minister.

(2) A person shall qualify for a permanent warrant under this section if:

(a) he is a citizen of Malta;

(b) he is of good conduct; and

(c) he qualifies under subsection (3) of this section.

(3) A person shall qualify for a permanent warrant under this subsection if he has:

(a) graduated as a Bachelor of Education or obtained a doctor's or master's degree from the University; or

(b) followed a full course at the former St. Michael's Training College or at the former Mater Admirabilis Training College or a similar course at the Malta College of Arts, Science and Technology (known as the Polytechnic ); or

(c) completed a course of study in Malta or in a University or recognised Institute outside Malta being a course which in the opinion of the Minister is equivalent to any course mentioned in paragraphs (a) and (b) of this subsection; or

(d) taught in schools in Malta or outside Malta for a period of not less than fifteen years, and is in the opinion of the Minister of the required academic ability.

For the purposes of paragraph (a) of this subsection "University" includes the institutions which used to be known under the names of The Old University, The New University, The Royal University of Malta as well as the University existing immediately before the coming into force of section 26 of this Act.

5. *L-esponenti għada t'eżerċita l-professjoni ta' għalliema sal ġurnata ta' llum taħt temporary warrant, wara li kienet bdiet tgħallem fi skejjel bejn is-sena 1995 u s-sena 2000, b'perjodu mis-sena 2006 sa s-sena 2011 fejn ġiet impjegata bħala facilitator, stante li f'dak il-perjodu ma kienx hemm sejħiet għall-għalliema (hekk kif ikkonfermat fl-ittra ta' l-Ombudsman –* ***Dok 'LM7'*** *- fejn jirreferi għal dak li kien ġie ikkomunikat lilu mit-Direttur Ġenerali ta' d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni), u li iżda xorta kienet taqdi wkoll funzjonijiet ta' għalliema, skond il-bżonn, fil-kulleġġ ta' Stella Maris, illum l-iskola Primarja ta' San Alwiġi, hekk kif jidher kemm fl-Employment History hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM5'*** *u hekk kif indikat minnha f'sezzjoni* ***'C'*** *tal-'****Application for Teacher's Warrant'*** *hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM2';***

6. *Dan il-fatt qed jiġi wkoll korraborat permezz ta' ittra ta' referenza favur l-esponenti, datata 19 ta' Lulju 2021 miktuba minn Fr. Patrick Magro S.J., kappillan ta' l-Universita' ta' Malta, li fil-perjodu nkwistjoni kien ir-Rettur ta' l-istess skola primarja ta' San Alwiġi (qabel magħrufa bħala Stella Mares), hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM6';***

7. *Fit-22 t'Awwissu 2007, ossia wara l-introduzzjoni ta' d-disposizzjoni taħt l-artikolu 41 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti irċeviet risposta mill-Ombudsman rigward ilment li kienet resqet b'relazzjoni mall-posizzjoni tagħha ta' supply teacher li kellha tiġi konvertita f'waħda ta' 'employment on regular basis', u fir-risposta tiegħu li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM7'****, l-Ombudsman jagħmel referenza għal-kriterji meħtieġa (ara paġna 2 ta' l-ittra ta' l-Ombudsman) indikati bl-ittri minn* ***'a'*** *sa* ***'e'*** *sabiex tkun tista tapplika għal warrant permanenti ta' għalliema, liema kriterji jirriflettu dak li dak iż-żmien kien jistipula l-artikolu 9 ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988 b'wieħed mill-kriterji jkun dak iminżżel fl-istess ittra taħt l-ittra 'e' ossia:*

   > e. *Taught in schools in Malta or outside Malta for a period of not less than fifteen years, and is in the opinion of the Minister of the required academic ability.*

8. *Di piu', permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2011, miktuba minn Franklin Barbara, dak iż-żmien Segretarju Ġenerali tal-Malta Union of Teachers (MUT), u hawn annessa bħala* ***Dok 'LM8'****, ġie kkonfermat li l-esponenti kienet ottjeniet kwalifika ta' pedagoġija għat-tagħlim u li skond il-provedimenti ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni tal-liġijiet ta' Malta hija kienet intitolata li tapplika għal Warrant Permanenti ta' għalliema ġialadarba tissodisfa ir-rekwiżit ta' l-ammont ta' snin esperjenza li wieħed kellhu jagħmel sabiex imbagħad ikun jista jingħata l-warrant permanenti;*

9. *Madankollu, minkejja illi llum il-ġurnata l-esponenti ila tiprattika l-professjoni ta' għalliema għal aktar minn ħmistax (15) il-sena u għaldaqstant tissodisfa l-kriterji msemmija, stante l-fatt illi tissodisfa l-kriterju taħt is-sub artikoli* ***9 (3) (d)*** *ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988****,*** *liema Att kien applikabli fil-konfront tal-esponenti meta hija bdiet tiprattika l-professjoni ta' għalliema; meta l-esponenti riċentament applikat sabiex jinħarġilha warrant permanenti ta' għalliema, l-applikazzjoni tagħha ġiet rakomandata jew deċiża għar-rifjut mill-intimat Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta, illi minnha qiegħed jiġi ppreżentat dan l-umli appell;*

10. *Permezz tal-ittra surreferita, u ċioe l-ittra ikkomunikata lill-esponenti mill-Kunsill intimat, datata 7 ta' Lulju 2021, intqal kif ġej: 'The Council resolved that Ms Muscat should not be awarded a teacher's (permanent) warrant, and this in view of the fact that she did not practice the teaching profession for a period of at least eight years full time prior to the 29th July 2008 as required by Article 41 of the Education Act.'*

11. *L-esponenti tħoss ruħha ferm aggravata minn din id-deċiżjoni illi ingħatat mill-Kunsill intimat u dan għaliex, hija tissodisfa l-kriterji applikabli fil-konfront tagħha skond l-aspettativa leġittima li ġiet kreata peremezz ta' l-provediment taħt is-sub artikoli* ***9 (3) (d)*** *ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988****,*** *liema Att kien applikabli fil-konfront tal-esponenti meta hija bdiet tiprattika l-professjoni ta' għalliema u liema Att baqa' applikabli fil-*

*konfront tagħha u ta' għalliema oħra sakemm din id-disposizzjoni ġiet ikkanċellata mill-Ministeru intimat;*

12. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva illi anke jekk kellhom jiġu applikati l-artikolu 41 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 24 tal-istess Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod retroattiv fil-konfront ta' l-esponenti, u dan kontra dak stipulat fl-artikolu 12 (1) (b) u (ċ) fl-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u kontra l-prinċipji ta' d-dritt u l-aspettativa leġitima (legitimate expectation) derivanti mill-kriterju stabillit taħt is-sub artikoli* ***9 (3) (d)*** *ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988, kif ukoll mill-ittra ta' l-Ombudsman surreferita datata 22 t'Awwissu 2007 (ara Dok. LM7), l-esponenti xorta waħda għandha l-kwalifiki u l-esperjenza neċessarja sabiex tissodisfa l-kriterji taħt l-artikolu 41 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt l-artikolu 24 tal-istess Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta u tingħata l-warrant permanenti ta' għalliema u dan għaliex hija ila tipprattika l-professjoni ta' għalliema kumplessivament għal aktar minn tmien (8) snin;*

13. *Kif spjegat aktar 'il fuq, l-esponenti ħadmet bejn 1995 u 2000 (6 snin) u mbagħad reġat kompliet fil-professjoni tagħha fl-2006 u baqgħet fil-professjoni sal-lum il-ġurnata, u għaldaqstant issa ila tippratika l-professjoni ta' għalliema għal aktar minn ħmistax (15) il-sena u għaldaqstant tissodisfa l-kriterju ta' tmien (8) snin prattika rikjest skon il-liġi viġenti;*

14. *Di piu', minkejja illi fill-perjodu ta' bejn Frar 2006 sa Settembru 2011 l-esponenti kienet reġistrata bħala facilitator mall-ETC (illum Jobs Plus), hija xorta waħda kienet tagħti servizz ta' għalliema, meta xi waħda mill-għalliema ta' l-iskola ma kienitx tkun preżenti u dan joħroġ ċar fl-ittra ta' rakomandazzjoni ta' Fr. Patrick Magro S.J. hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'LM6'****;*

15. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tħoss illi ġiet vjolata l-aspettativa leġittima tagħha li tingħata l-warrant permanenti tal-għalliema u dan għaliex permezz tal-applikazzjoni retrospettiva tal-emendi fil-liġi li saru fl-2006, iżda li daħlu fis-seħħ xi snin wara, il-kriterji sabiex tingħata dan il-warrant nbiddlu minn dak speċifikat fir-risposta tal-Ombudsman abbażi tal-informazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali ta' d-Dipartiment tal-Edukazzjoni dak iż-żmien (****ara Dok LM7****), minn dak stabilitt fl-ittra tal-MUT (****ara Dok LM8****) u mill-kriterju stabillit taħt is-sub artikoli* ***9 (3) (d)*** *ta' l-Att numru XXIV ta' l-1988, liema Att kien viġenti u applikabli fil-konfront tal-esponenti meta hija bdiet tiprattika l-professjoni ta' għalliema u meta kienet għażlet illi tagħmel il-kors ta' pedagoġijja 'Certificate of Education for Instructors' maħruġ mill-Eduction Division in conjunction with the Faculty of Education, University of Malta (ara* ***Dok LM3****);*

16. *L-qrati ennunċjaw il-posizzjoni tagħhom dwar l-aspettitiva leġittima ta' persuna f'****Emvic Limited vs Il-Prim Ministru et****, deċiża mil-Qorti Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru, 2019 fejn ġie rilevat illi 'aspettattiva leġittima' toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri kemm -il darba jkun ippruvat li l-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha l-parti kellha jedd għaliha.*

17. *Ġialadarba l-esponenti kellha dritt taħt l-Att numru XXIV tal-1988 illi tingħata l-warrant diment li tissodisfa l-kriterji stabilliti, "għandu jipprevali l-imperu tal-liġi*

*preċedenti" u dana skont kif intqal fis-sentenza* **Cassar Torregiani ne. vs Gatt ne**. *deċiża mil-Qorti tal-Appell (Ċivili) (Superjuri) fi 12 ta' Mejju 1950.*

18. *Bid-deċiżjoni jew rakomandazzjoni ta' l-Kunsill intimat l-esponenti issa tpoġġiet f'posizzjoni li pratikament ma tista' qatt iġġib warrant permanenti ta' teacher għaliex fl-eta' tagħha issa żgur mhux ser tkun f'posizzjoni li tissodisfa l-kriterji viġenti sabiex persuna tingħata l-warrant permanenti u għaliex huwa naturali li wieħed ma jistgħax imur lura fiż-żmien sabiex jissodisfa l-kriterju ta' l-esperjenza hekk kif qed jiġi stabillit illum u applikat b'mod retroattiv u dan kontra dak stipulat fl-artikolu 12 (1) (b) u (ċ) fl-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant dan ser ikun qed jirriżulta f'inġustizzja gravi u irrimedjabli fil-konfront tal-esponenti;*

19. *Di piu', u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-artikolu 41 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 11(3) (d) qabel ma ġie emendat, liema artikolu 11(3) (d) ma għadux disponibbli fl-Att u għaldaqstant wieħed ma jistgħax faċilment ikun jaf x'kienu jgħidu dawn id-disposizzjonijiet u għalhekk inħolqot inċertezza legali;*

20. *Illi għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti ma taqbilx mar-rakkomondazzjoni jew deċiżjoni tal-Kunsill intimat u tħoss illi b'din id-deċiżjoni jew rakomandazzjoni tal-Kunsill intimat hekk kif qed tiġi mgħoddija sabiex tiġi applikata mill-Ministeru intimat, ser tkun qed twassal għal-inġustizzja gravi u rrimidjebali fil-konfront tagħha.*

***TALBA***

***Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti u għar-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti – filwaqt li tagħmel referenza għad-dokumentazzjoni kollha provduta minnha u li tinsab fil-pussess tal-Kunsill u l-Ministeru intimat u għall-provi kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell qiegħda titlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal:***

1. ***Jogħġbu jħassar u jirrevoka r-rikomondazzjoni jew deċiżjoni tal-appellat Kunsill mogħtija fl-ittra datata 7 ta' Lulju 2021 fejn l-istess Kunsill infurma lill-Appellanta illi hija ma tikkwalifikax għal warrant permanenti;***

2. ***Jiġi rakkomandat u ordnat illi l-esponenti tingħata tali warrant permanenti ta' għalliema u dana taħt dawk il-provvedimenti illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhrulu xierqa u opportuni;***

***U dana salv kwalsijasi provvediment ieħor li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun, u bl-ispejjeż kontra l-Kunsill u l-Ministeru intimati.***

Ra illi l-**Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta** u l-**Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol** ppreżentaw risposta fit-18 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

***Introduzzjoni***

a) *Illi dan huwa appell ta' edukatur li jilmenta minn rakkomandazzjoni li ingħatat mill-esponenti Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta biex ma jinħariġx warrant permanenti ta' għalliema, u dan taħt l-Artikolu 32 tal-Kap.327 tal-Liġijiet ta' Malta [vide paragrafu 1 tar-Rikors ta' l-Appell];*

b) *Illi dan l-appell jikkontjeni żewġ talbiet:*

*"1. ...jħassar u jirrevoka r-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni tal-appellat Kunsill mogħtija fl-ittra datata 7 ta' Lulju 2021 fejn l-istess Kunsill informal lill-Appellanta illi hija ma tikkwalifikax għal warrant permanenti;*

*2. Jiġi rakkomandat u ordnat illi l-esponenti tingħata tali warrant permanenti ta' għalliema u dana taħt dawk il-provvedimenti illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni"*

***Preliminari***

1. *Illi l-appell huwa intempestiv u irritu, u dan stante illi l-esponenti Ministru ta' l-Edukazzjoni ma ta ebda deċiżjoni li minnu jista' jsir appell ai termini ta' l-Artikolu 32 fil-mument tal-preżentata tar-rikors odjern.*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-appell odjern huwa improponibbli, u dan stante li l-appellanti m'għandha ebda dritt ta' appell mir-rakkomandazzjonijiet ta' l-esponenti Kunsill ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.327 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda biss minn deċiżjoni, jew in-nuqqas tagħha, ta' l-esponenti Ministru.*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti Ministru ma hux il-leġittimu kuntradittur, u dan stante, kif jirriżulta ampjament mit-talbiet kontenuti f'dan l-appell, il-lanjanza ta' l-appellanti hija diretta lejn "__**ir-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni tal-appellat Kunsill**__" u mhux lejn deċiżjoni ta' l-esponenti Ministru, jew nuqqas ta' deċiżjoni entro t-terminu stabilit mil-Liġi.*

***Risposta fil-Mertu***

4. *Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzonijiet preliminari, l-esponenti joġġezzjonaw għat-talbiet ta' l-appellant bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u jsostnu li huma msejsa fuq premessi żbaljati.*

5. *L-Artikolu 41 tal-Kap. 327, li a tenur tiegħu l-appellanti applikat għall-ħruġ tal-warrant permanenti, jirregola l-eġibilita` għall-warrant permanenti ta' għalliem li kienu ilu jgħallem qabel l-emendi tas-sena 2006, u jipprovdi li jikkwalifika għal tali warrant:*

a) *Min, qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi ta' l-2006, diġa` kellu warrant permanenti – dak il-warrant jibqa';*

b) ***Jekk fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-emendi ta' l-2006**:*

*i) Ikun diġa` beda kors tal-Masters u jkun eliġibbli għall-warrant skond l-Artikolu 11(3)(a) qabel ma ġie emendat;*

*ii) Jikkwalifika għal warrant permanenti taħt id-dispost ta' l-Artikolu 11(3(b) qabel ma ġie emendat;*

*iii)* ***Kien jipprattika l-professjoni ta' għalliema ġo skola b'warrant temporanju u kien hekk jipprattika għal mhux inqas minn 8 snin****, u* ***huwa eliġibbli li japplika għal warrant permanenti stante li tali persuna kien ilu jeżerċita l-professjoni ta' għalliema għal mhux inqas minn 15-il sena****.*

6. *L-Appellanti kjarament torbot ma' dan l-aħħar kriterju u jillanja li ma hiex f'qagħda tara liema kien l-Artikolu 11(3), senjatament is-subinċiż d tiegħu kif kien qabel l-emendi ta' l-2006, permezz ta' l-Att XIII ta' l-2006. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Lulju 2008. L-elementi neċessarji huma tlieta effettivament:*

a) *L-applikant irid ikun fil-pussess ta' warrant temporanju fi żmien id-dħul fis-seħħ ta' l-emendi;*

b) *L-applikant irid ikun ilu jipprattika ġo skola bil-warrant termporanju mill-inqas 8 snin fi żmien id-dħul fis-seħħ ta' l-emendi;*

c) *L-applikant irid ikollu total ta' 15-il sena esperjenza ta' tagħlim.*

7. *Għall-aħjar informazzjoni ta' l-Appellanti, l-Artikolu 11(3)d huwa dak li kien enumerat 9(3)(d) meta l-Kap.327 daħal fis-seħħ oriġinarjament fl-1988, u kien jipprovdi kif ġej:*
*"(3) Persuna tikkwalifika għal Warrant permanenti taħt dan is-subartikolu kemm-il darba tkun:*
*(a) ħadet il-lawrja ta' Baċċillier fl-Edukazzjoni jew kisbet grad ta' dottorat jew maġisteru mill-Universita`; jew*
*(b) għamlet kors sħiħ fil-kulleġġ li kien magħruf bħala St. Michael's Training College jew fil-kulleġġ li kien magħruf bħala Mater Admirabilis Training College jew tkun għamlet kors li jixbah lil dan fil-Kulleġġ tal-Arti, Xjentza u Teknoloġija (magħruf bħala l-Polytechnic); jew*
*(c) għamlet kors sħiħ ta' studju f'Malta jew f'universita jew Istitut barra minn Malta u dak il-kors ikun fl-opinjoni tal-Ministru ekwivalenti għal kors minn dawk imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu; jew*
*(d) għallmet fi skejjel f'Malta jew barra minn Malta għall-perjodu ta' mhux anqas minn ħmistax-il sena u fl-opinjoni tal-Ministru tkun tal-ħila akkademika meħtieġa.*
*Għall-finijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu "Universita`" tinkludi l-istituzzjonijiet li kienu magħrufa bl-isem tal-Universita` l-Qadima, l-Universita` l-Ġdida, l-Universita` Rjali ta' Malta kif ukoll I-Universita li kienet teżisti minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att."*

8. *Fil-qosor, l-appellanti ottjeniet warrant temporanju ta' għalliema fl-1995. Kif jirriżulta mid-DOK. LM5, esebit mar-Rikors ta' l-Appell odjern, jirriżulta li l-appellanti ħadmet bħala għalliema f'St. Francis Secondary School bejn id-9 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 1995 [nofs sena skolastika], imbagħad mit-22 ta' Ġunju 1995 sat-28 ta' Jannar 2000 [l-overlap bejn is-sena 1999 u 2000 huma nofs sena skolastika]. Hemm perjodu ta'*

*kważi 6 snin li fihom l-appellanti ma ħadmitx, imbagħad reġgħet impjegat ruħha bħala għalliema ma' St. Monica School mit-22 ta' Settembru 2011, fejn taħdem sa llum.*

9. *Irid jiġi preċiżat illi għall-iskop tar-rekwiżiti legali għall-ħruġ ta' warrant, ix-xogħol ta' Facilitator, li l-appellanti għamlet f'St. Aloysius College bejn l-20 ta' Frar 2006 u l-21 ta' Settembru 2011, ma jitqiesx bħala xogħol ta' għalliem, u għaldaqstant ma jistax jgħodd.*

10. *Analiżżat l-employment history ta' l-appellant, jirriżulta sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-emendi ta' l-2006, ċioe` d-29 ta' Lulju 2008, l-appellanti kellha Professional Work Experience ta' 5 snin bil-warrant temporanju qabel ma waqfet. Sas-sena 2008, meta l-emendi bis-saħħa ta' l-Att XIII ta' l-2006 ġew in vigore, l-appellanti ma kellhiex 8 snin Professional Work Experience bħala għalliema.*

11. *Dan ifisser li ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Kap.327, l-appellanti ma setgħetx tivvanta la 8 snin prattika ta' għalliema b'warrant termporanju, għax kellha biss 5 snin sa l-2008, u lanqas ma sodisfatt il-kriterju ta' 15-il sena esperjenza tgħallem bi jew bla warrant qabel l-2008.*

12. *Għalhekk, il-każ ta' l-appellanti jista' jitqies biss taħt l-Artikolu 24 tal-Kap.327 tal-Liġijiet ta' Malta.*

13. *Peress illi l-applikazzjoni ta' l-appellanti saret skond l-Artikolu 41 tal-Kap.327, kif jirriżulta mid-DOK.LM2 esebit mar-Rikors ta' l-Appell, jiġi sottomess bir-rispett illi ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-kunsiderazzjonijiet ta' l-esponenti Kunsill kienu msejsin fuq applikazzjoni korretta tal-Liġi, stante li, kif diġa` ingħad, l-appellanti ma tikkwalifikax għal warrant permanenti ai termini ta' l-Artikolu 41, u dawk kienu t-terms and references li ingħata l-esponenti Kunsill mill-appellanti stess.*

14. *Il-vera problema li għandha l-appellanti hija li, kif jirriżulta mill-istess DOK.LM2, m'għandhiex il-kwalifiki neċessarji sabiex tapplika b'suċċess għal warrant permanenti taħt l-Artikolu 24 tal-Kap.327. Hija ma tissodisfax ir-rekwiżit tal-lawrja f'Edukazzjoni, la bħala Baċċellerat, la bħala Masters u lanqas bħala Dottorat.*

15. *Dawn il-kwalifiki kienu jeżistu sa minn qabel ma bdiet taħdem l-appellanti, u dan kif jirriżulta miċ-ċitazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.327 kif ġie promulgat oriġinarjament fl-1988.*

16. *L-appellanti targumenta li kellha aspettativa leġittima li tapplika b'suċċess għal warrant permanenti stante li ssostni li peress li bdiet taħdem fl-1995 għandu japplika r-reġime legali antik għaliha. Għaldaqstant m'għandha bżonn ebda kwalifika u tista' tistrieħ fuq il-kriterju li tgħallem għal mhux inqas minn 15-il sena.*

17. *B'kull rispett, kwalunkwe aspettativa li l-appellanti seta kellha, jew għandha, ma tistax titqies biżżejjed biex wieħed jitbiegħed minn, jinjora, u ma japplikax il-Liġi. Jekk il-lanjanza ta' l-appellanti hija l-Liġi, u tħoss li tivvjola d-drittijiet tagħha, l-ilment tagħha irid jitressaq quddiem fora oħra adattati, u mhux quddiem Tribunal adit għar-Reviżjoni Amministrattiva ta' entitajiet pubbliċi. Jekk il-lanjanza ta' l-appellanti hija l-Liġi, dan jeżorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

18. *L-appellanti kellha kull opportunita` tadegwa ruħha għar-rekwiżiti legali viġenti. Illum għaddew 15-il sena minn meta l-Att XIII ta' l-2006 ġie promulgat, u 13-il sena minn meta dawn l-emendi ġew in vigore. L-appellanti kienet taf li r-rekwiżiti legali inbiddlu u ma għamlet assolutament xejn fi 15-il sena biex tadegwa ruħha u tiżgura li hija tikkwalifika skond il-Liġijiet viġenti.*

19. *L-uniku rimedju li verament għandha l-appellanti hija li tagħmel kors universitarju, imqar sal-livell ta' Baċċellerat, u terġa tapplika ai termini ta' l-Artikolu 24. L-appellanti għandha 46 sena, b'aspettativa ta' madwar 20 sena oħra xogħol, u faċilment tista' tagħmel li hemm bżonn biex tkun eliġibbli taħt l-Artikolu 24. Altru milli tgħid l-appellanti, li din is-sitwazzjoni "twassal għal-inġustizzja gravi u rrimidjabbli fil-konfront tagħha" [vide para 20 tar-Rikors ta' l-Appell].*

20. *Kuntrarjament għal dak li talludi l-appellanti, ir-rakkomandazzjoni kontra li jinħarġilha warrant permanenti ma jippreġudikalhiex il-karriera. Pjuttost l-appellanti stess qegħda timpedixxi l-avvanzament professjonali tagħha bl-ostinazzjoni tagħha li ma tadegwax ruħha għar-rekwiżiti legali neċessarji. Bil-warrant temporanju tista' tkompli tgħallem bħala supply teacher. Anke kieku, għall-grazzja ta' l-argument, l-esponenti Kunsill kellu, bi vjolazzjoni lampanti tal-Liġi, jirrakkomanda l-ħruġ ta' warrant permanenti, fil-prattika l-applikanti se tibqa żvantaġġjata fuq is-suq lavorattiv stante li ma tissodisfax il-calls tal-gvern u l-iskejjel tal-knisja bħala għalliema regolari stante li m'għandhiex kwalifiki terzjarji.*

21. *Għal dawn il-motivi, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi r-rakkomandazzjoni ta' l-esponenti Kunsill hija waħda korretta, imsejsa fuq kunsiderazzjoni legali u b'rispett u applikazzjoni tal-Liġi, u ċertament ma hemm ebda raġuni valida fil-Liġi għalfejn din għandha tintgħeleb.*

22. *Finalment, ai termini ta' l-Artikoli 15(6)(e) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jitolbu li l-appell ta' l-appellant jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħallas għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Kunsill intimat datata 7 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha l-istess Kunsill ta parir lill-Ministru intimat li r-rikorrenti m'għandhiex tingħata *warrant* permanenti ta' għalliema u dana għaliex hija ma pprattikatx il-professjoni ta' għalliema għal perjodu ta' mill-inqas tmien (8) snin qabel id-29 ta' Lulju 2008 u dan kif jirrikjedi artikolu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

**Ir-rikorrenti** ppreżentat affidavit pjuttost dettaljat fejn spjegat ix-xogħol li hija żvolġiet f'diversi skejjel, u dan prinċipalment fl-iskola ta' St. Francis, il-Kulleġġ ta' San Alwiġi u wkoll fl-iskola ta' St. Monica. Illi dan kollu huwa korroborat b'dokumentazzjoni maħruġa mill-imsemmija istituzzjonijiet edukattivi. Ir-rikorrenti xehdet ukoll illi hija ngħatat ***warrant* temporanju ta' għalliema fl-1995**. Hija xehdet dwar l-irwol tagħha anke meta kienet impjegata bħala *facilitator* ġewwa l-Kulleġġ San Alwiġi, u ċioe` li kienet tieħu ħsieb klassi ta' studenti kull darba li kien ikun hemm bżonn. Tispjega wkoll illi fl-1998 hija kisbet *Certificate in Education for Instructors*.

Ir-rikorrenti tispjega li peress li f'Ġunju 2021 hija kienet għalqet ħmistax (15)-il sena bħala għalliema *full time*, issottomettiet applikazzjoni mal-Kunsill intimat sabiex tingħata l-*warrant* permanenti ta' għalliema u dana a tenur tal-artikolu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Tgħid li pero`, fis-7 ta' Lulju 2021 ġiet notifikata b'deċiżjoni tal-Kunsill fejn kien irrakomanda lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni li t-talba tagħha għandha tiġi miċħuda. Permezz ta' ittra datata 2 ta' Awwissu 2022 hija ġiet infurmata li l-Ministru ikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat pero` ġie rakkomandat li l-*warrant* temporanju jiġi mġedded għas-sena skolastika li jmiss.

**Dr. Mateja Farrugia,** *Chairperson* tal-Kunsill intimat, spjegat li *warrant* permanenti ta' għalliema jista' jingħata biss jekk applikant ikollu kwalifika fil-pedagoġija u sentejn esperjenza. Tispjega li pero`, peress li qabel l-2008 kien hemm ukoll il-possibilita' li wieħed seta' jingħata *warrant* permanenti jekk ikollu ħmistax-il sena esperjenza b'*warrant* temporanju, il-liġi l-ġdida ħasbet biex tħalli l-istess possibilita` bil-kundizzjoni li tmienja (8) minn dawk il-ħmistax (15)-il sena jkunu seħħew qabel Lulju 2008. Tispjega li meta l-Kunsill eżamina l-applikazzjoni tar-rikorrenti, il-Kunsill innota li ma kinitx għamlet tmien (8) snin taħdem bħala għalliema qabel l-2008. Tispjega li filwaqt li r-rikorrenti kienet ilha ammont ta' snin taħdem fi skejjel qabel l-2008, mhux is-snin kollha ħadmithom bħala għalliema pero` xi snin minnhom kienet *learning support assistant.* Tispjega wkoll illi meta joħroġ *warrant* permanenti lil persuna li ma jkollhiex kwalifika fil-pedagoġija, din hija xi ħaġa eċċezzjonali u l-Kunsill huwa restrittiv fl-interpretazzjoni tiegħu u kwindi l-Kunsill ma setax jekwipara x-xogħol ta' *learning support assistant* għal ma' dak ta' għalliem għaliex in-natura tax-xogħol hija kompletament differenti.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jirrileva li jkun għaqli li jibda biex jitratta l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-intimati fejn qiegħed jiġi eċċepit is-segwenti, u ċioe`:

1. *Illi l-appell huwa intempestiv u irritu, u dan stante illi l-esponenti Ministru ta' l-Edukazzjoni ma ta ebda deċiżjoni li minnu jista' jsir appell ai termini ta' l-Artikolu 32 fil-mument tal-preżentata tar-rikors odjern.*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-appell odjern huwa improponibbli, u dan stante li l-appellanti m'għandha ebda dritt ta' appell mir-rakkomandazzjonijiet ta' l-esponenti Kunsill ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.327 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda biss minn deċiżjoni, jew in-nuqqas tagħha, ta' l-esponenti Ministru.*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti Ministru ma hux il-leġittimu kuntradittur, u dan stante, kif jirriżulta ampjament mit-talbiet kontenuti f'dan l-appell, il-lanjanza ta' l-appellanti hija diretta lejn "**ir-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni tal-appellat Kunsill**" u mhux lejn deċiżjoni ta' l-esponenti Ministru, jew nuqqas ta' deċiżjoni entro t-terminu stabilit mil-Liġi.*

Illi ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 327 (iktar 'l isfel "l-Att) "*Il-Kunsill għandu jikkunsidra u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar applikazzjoni għal warrant għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' għalliem malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikkabli, imma f'ebda każ aktar tard minn erba' xhur minn meta jirċievi l-applikazzjoni. Meta jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministru, il-Kunsill għandu fl-istess ħin javża lill-applikant bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, flimkien mal-motivazzjonijiet li fuqhom dawn kienu ibbażati.*"

Illi jirriżulta illi r-rikorrenti rċeviet l-imsemmija rakkomandazzjoni permezz ta' ittra datata 7 ta' Lulju 2021 fejn fl-aħħar paragrafu kienet tindika s-segwenti, u ċioe`: *Mrs. Muscat, is hereby, being reminded of her right to appeal against the Council's recommendations to the Administrative Review Tribunal as per Article 32 (1) of the Education Act within twenty-one days (21) of the date of this notification sent to the Hon. Minister.*

Illi artikolu 32 (1) ċitat fl-imsemmija ittra jgħid is-segwenti, u ċioe`: *kull persuna li tħossha aggravata **b'deċiżjoni tal-Ministru**, li jkun iddeċieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jiċħad talba għal warrant, jew meta ma tkunx ġiet notifikata lill-applikant id-deċiżjoni fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jiġi sospiż jew imħassar warrant, taħt id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-avviż li jingħata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli magħmula taħtu.*

Illi r-rikorrenti talbet kjarifika dwar meta kien ġie notifikat il-Ministru u t-tweġiba li ngħatatilha kienet li ġie notifikat fis-7 ta' Lulju 2021.[1] Kwindi skont l-istess struzzjonijiet mogħtija fl-ittra li hi rċeviet datata 7 ta' Lulju 2021, hija kellha wieħed u għoxrin (21) ġurnata biex tappella.

Illi t-Tribunal jirrileva illi fil-fehma tiegħu artikolu 32 (1) ġie promulgat b'mod mhux daqshekk ċar. Illi skont l-interpretazzjoni li qiegħed jagħti dan it-Tribunal lill-istess artikolu huwa li persuna aggravata **bid-deċiżjoni tal-Ministru** tista' tappella mill-istess deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mill-avviż li jingħata lill-istess Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan jista' joħloq problema. Fil-każ in eżami r-rakkomandazzjoni lill-Ministru ġiet notifikata lilu fis-7 ta' Lulju 2021 pero` d-deċiżjoni aħħarija tal-Ministru ġiet mogħtija fit-2 ta' Awwissu 2021. Skont iċ-ċitat subartikolu, il-wieħed u għoxrin (21) jum bdew jiddekorru **mis-7 ta' Lulju 2021** u dan mingħajr ma l-persuna konċernata kienet għadha taf x'se tkun id-deċiżjoni aħħarija tal-Ministru. Id-deċiżjoni aħħarija tal-Ministru saret magħrufa biss **fit-2 ta' Awwissu 2021**, u ċioe` sitta u għoxrin (26) jum wara li ġie notifikat bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. It-Tribunal jifhem li għalhekk applikant, wara li jirċievi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, irid jappella *entro* dawk il-wieħed u għoxrin (21) jum anke jekk il-Ministru jkun għadu ma ħax deċiżjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill.

Kwindi t-Tribunal iqis li l-appell la huwa intempestiv u wisq inqas irritu. Lanqas ma jqis li l-intimati għandhom raġun fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tagħhom inkwantu filwaqt li huwa minnu li l-liġi tesiġi li persuna aggravata **bid-deċiżjoni tal-Ministru** tista' tappella mill-istess deċiżjoni, jista' jagħti l-każ li jekk hija toqgħod tistenna l-eżitu tad-deċiżjoni tal-Ministru, jilħqu jgħaddu l-wieħed u għoxrin (21) ġurnata kif stipulati f'artikolu 32 (1) tal-Kapitolu 327, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ.

Illi lanqas ma hi mistħoqqa t-tielet eċċezzjoni stante li filwaqt li huwa minnu li persuna aggravata tista' tappella minn **deċiżjoni tal-Ministru,** fil-mument li ġie intavolat dan l-appell, din id-deċiżjoni kienet għadha ma ngħatatx. Pero` għar-raġunijiet spjegati hawn fuq it-Tribunal iħoss li siccome` l-Ministru kkonferma d-deċiżjoni tal-Kunsill intimat, allura l-istess Ministru huwa wkoll leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

Illi sorvolati l-kwistjonijiet preliminari, it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

[1] Dokument ML1 a fol. 99 u 100

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 23 tal-Att *"għalliem" tfisser persuna mħarrġa fl-għerf tal-proċess edukattiv u fl-użu tal-ħiliet pedagoġiċi b'mod li jkollha l-ħila toħloq ambjent li jimmotiva lil kull student u tirnexxilha tgħallmu b'mod effettiv billi tqanqallu l-aspirazzjonijiet tiegħu għall-ogħla valuri fil-ħajja u tgħinu jiżviluppa l-ħiliet kreattivi u ta' ħsieb skont l-età, l-iżvilupp fiżiku, morali, soċjali, emozzjonali u intelletwali, u skont il-potenzjal tal-ħiliet u tat-talenti tiegħu bl-iskop aħħari li l-istudent jitħarreġ kif jitgħallem tul ħajtu:*

*Iżda, għall-finijiet ta' din it-Taqsima, u sakemm mhux provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, "għalliem" ma tinkludix Kindergarten jew Learning Support Assistant, għalliem fi skola għat-tagħlim ta' lingwa bħala lingwa barranijia, jew persuna li tagħti servizz ta' tagħlim f'oqsma kulturali, sportivi, u reliġjużi, sakemm dan it-tagħlim ma jkunx qed jingħata bħala parti integrali mill-edukazzjoni obbligatorja skont il-kurrikulu fi skola liċenzjata:*

*Iżda wkoll għalliem li kiseb Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jkun qed jgħallem fil-livell ta' kindergarten għandu jkun ikkunsidrat bħala għalliem għall-finijiet kollha tal-liġi.*

Illi biex persuna tikseb *warrant* temporanju jew permanenti ta' għalliema hija għandha tissottometti applikazzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill intimat. Fil-fatt jirriżulta illi r-rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni għal *warrant* permanenti fit-28 ta' Ġunju 2021 fejn indikat li hija kienet qed tapplika għall-istess *warrant* **ai termini tal-artikolu 41 tal-Att**.[2]

Illi artikolu 41 tal-Att jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*(1) Kull persuna li fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima tkun id-detentur ta' warrant permanenti miksub taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandha titqies li hi detentur ta' warrant bl-istess drittijiet u obbligi daqs li kieku dak il-warrant ġie mogħti skont id-disposizzjonijiet u l-kondizzjonijiet ta' din it-Taqsima.*

*(2) Persuna titqies li tibqa' eliġibbli għal warrant permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att qabel ma ġie emendat kemm il-darba fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima:*

---

[2] Dokument E a fol. 62 *et sequitur*

*(a) tkun diġà iskritta f'kors li jwassal għal grad ta' Masters mill-Università jew għal grad komparabbli, u kienet tkun eliġibbli li tapplika għal warrant permanenti taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 11(3)(a) qabel ma ġie emendat; jew*

*(b) tikkwalifika għal warrant permanenti taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 11(3)(b) qabel ma ġie emendat; jew*

***(ċ) tkun qed tipprattika l-professjoni ta' għalliem f'xi skola bis-saħħa ta' warrant temporanju u tkun ilha hekk tipprattika għal mhux anqas minn tmien snin skolastiċi u hi eliġibbli li tapplika għal warrant permanenti taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 11(3)(d) qabel ma ġie emendat minħabba li tkun għallmet fi skola f'Malta għall-perjodu ta' mhux anqas minn ħmistax-il sena u fl-opinjoni tal-Ministru tkun ta' ħila akkademika meħtieġa, tibqa' tikkwalifika għal warrant daqs li kieku hi kwalifikata taħt id-disposizzjoniet ta' din it-Taqsima wara li tkun għalqet ħmistax il-sena tipprattika.***

Illi din id-disposizzjoni daħlet fis-seħħ permezz tal-Att XIII tal-2006 li ġie ***in vigore*** **fid-29 ta' Lulju 2008.**

Illi għaldaqstant, permezz ta' dawn l-emendi, persuna li qabel l-2008 kienet fil-pussess ta' *warrant* temporanju u tkun ħadmet mill-inqas tmien (8) snin skolastiċi u tkun ħadmet mill-inqas seba' (7) snin skolastiċi ta' għalliema wara l-2008, tkun tista' tapplika għall-għoti ta' *warrant* permanenti.

Illi r-rikorrenti tisħaq illi dawn id-disposizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għall-każ tagħha għaliex meta hija ngħatat il-*warrant* temporanju fl-1995 il-liġi ma kellhiex dawn ir-rekwiżiti. Fil-fatt, meta ġie promulgat l-Att XXIV tal-1988, liema Att ikkonsolida u rriforma l-liġi tal-Edukazzjoni f'Malta, biex persuna li ma kellhiex baċellerat fl-Edukazzjoni, setgħet tingħata *warrant* permanenti, hija riedet tkun *għallmet fi skejjel f'Malta jew barra minn Malta għall-perjodu ta' mhux anqas minn ħmistax-il sena u tal-opinjoni tal-Ministru tkun tal-ħila akkademika meħtieġa.*

Illi jirriżulta illi fl-2006 il-Parlament għadda l-Att XIII li permezz tiegħu għamel bidliet drastiċi fl-Att XXIV tal-1988 fosthom bl-introduzzjoni ta' għadd ta' disposizzjonijiet ġodda. Illi fost dawn l-emendi kien hemm il-mod kif persuna b'*warrant* temporanju ta' għalliem setgħet tikseb *warrant* permanenti. L-Att XIII tal-2006 introduċa artikolu 41 fejn f'subartikolu (2) elenka l-modi kif persuna setgħet tibqa' titqies eliġibbli għal *warrant*

permanenti taħt il-provvedimenti ta' l-Att prinċipali qabel ma' dan ġie emendat. Dan is-subartikolu baqa' mhux mibdul sal-ġurnata tal-lum u ġie ċitat iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi għalhekk ir-rikorrenti tissottometti illi fil-każ tagħha kellhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-liġi qabel ġew emendati bl-Att XIII tal-2006, u ċioe`, li tista' tingħata *warrant* permanenti la darba pprattikat il-professjoni ta' għalliema għal ħmistax-il sena b'*warrant temporanju.*

Illi t-Tribunal jirrileva illi mid-dokument tal-Jobsplus esebit a fol. 70 u anness mal-applikazzjoni tar-rikorrenti, jirriżulta illi r-rikorrenti kienet ingaġġata ma' diversi skejjel skont kif jidher hawn taħt, u ċioe`:

1. Mid-9 ta' Jannar 1995 sat-30 ta' Ġunju 1995 bħala għalliema ma' St. Francis Secondary Tas-Sliema;
2. Mit-22 ta' Settembru 1995 sat-28 ta' Jannar 2000 bħala għalliema ma' St. Francis Secondary Tas-Sliema;
3. Mill-20 ta' Frar 2006 sal-21 ta' Settembru 2011 bħala *facilitator* mal-Kulleġġ San Alwiġi, Primarja, Ħal-Balzan;
4. Mit-22 ta' Settembru 2011 sal-lum il-ġurnata bħala għalliema ma' St. Monica School, Birkirkara

Illi r-rikorrenti issostni illi s-snin li ħadmet bħala *facilitator* ġewwa l-iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwiġi kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni u jingħaddu mas-snin ta' prattika tagħha ta' għalliema. Illi min-naħa l-oħra l-Kunsill intimat ma kienx tal-istess opinjoni. Illi t-Tribunal jaqbel illi għalkemm ir-rikorrenti setgħet żvolġiet rwoli ta' għalliema f'xi okkażjonijiet li kien hemm bżonn, dan ma jista' qatt jissostitwixxi l-ammont ta' esperjenza rikjesta bħala għalliema. Kif spjegat Dr. Mateja Farrugia fix-xhieda tagħha teżisti differenza essenzjali bejn ir-responsabbilita` ta' *facilitator,* illum magħrufa bħala *learning support educator*, u dak ta' għalliema. Filwaqt li l-*learning support educator* jappoġġja student individwali taħt il-gwida tal-għalliema, l-għalliema hija responsabbli għal klassi sħiħa fejn jidħol immaniġjar tal-istess klassi u twassal lill-istudenti fl-istudji tagħhom tul sena sħiħa.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-liġi nnifisha, u ċioe` l-Att, hija ċara fis-sens li tistipula illi *"għalliem" ma tinkludix Kindergarten jew Learning Support Assistant.*[3] Di piu`, għalliem u *learning support educator* mhumiex marbuta bl-istess kodiċi ta' etika u dan kif jirriżulta mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 327.02.

[3] Artikolu 23 tal-Kapitolu 327 introdott bl-Att XIII tal-2006

Illi in vista ta' dan kollu t-Tribunal jaqbel mar-raġunament tal-Kunsill intimat. Dan ifisser illi r-rikorrenti ma kinitx għamlet tmien (8) snin skolastiċi fil-professjoni ta' għalliema qabel id-29 ta' Lulju 2008. Kwindi, anke jekk wara l-2008 hija għamlet ammont sostanzjali ta' snin teżerċita l-professjoni ta' għalliema, jibqa' l-fatt li ma tilħaqx il-limitu ta' l-ammont ta' snin rikjesti qabel l-2008 kif stabbilit f'artikolu 41 (2) tal-Att.

Illi sussidjarjament ir-rikorrenti tisħaq illi għandu jiġi applikat fil-konfront tagħha l-artikolu 9(3) (d) tal-Att XXIV tal-1988 għaliex din kienet il-liġi fis-seħħ meta hija kisbet il-*warrant* temporanju fl-1995 u kwindi l-applikazzjoni tagħha ma kellhiex tiġi milquta bl-emendi li saru fl-2006. Ir-rikorrenti tisħaq illi għandhom jingħaddu is-snin kollha li hija għallmet permezz tal-*warrant* temporanju mill-1995 'l hawn u li għalhekk m'għandhiex tiġi ppreġudikata bl-introduzzjoni tal-emendi tal-Att XIII tal-2006 li stipulaw li riedet tkun għallmet tmien (8) snin qabel id-dħul *in vigore* tal-istess Att. Hija ssostni illi ai termini tal-artikolu 12 (1) (b) u (c) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, il-Kunsill intimat ma setax japplika b'mod retroattiv il-liġi li daħlet fl-2006 għal sitwazzjoni pre-eżistenzi għall-introduzzjoni tal-istess emendi, liema emendi kienu jippreġudikaw l-aspettattiva leġittima tagħha.

Illi artiklu 12 (1) (b) u (c) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jistipula s-segwenti:

*12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti iħassar xi liġi oħra,* ***kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju****, t-tħassir m'għandux -*

*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*

Illi fir-rigward tal-materja ta' retroattivita', fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Jack M. A. Olin u Margareta Mona Olin Santesson vs Anthony Sant Portanier bħala Chairman ta' Tower Mansions Association*** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell spjegat li huwa utli li jibda biex jiġi osservat illi, *"meta ġudikant jew interpretu jiġi biex japplika l-liġi għall-każ prattiku, l-ewwel tfittxija u indaġni li għandha ssir minnhom hija dik li jaraw liema liġi għandha tiġi applikata; u din in-neċessita' tidher aktar ċara speċjalment meta liġi ġdida tiġi attivata u magħmula effikaċi dwar materja*

*li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-liġi anterjuri. Dan aktar u aktar joħroġ ċar meta jiġi kunsidrat fejn il-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkominċjament tagħhom taħt l-imperu tal-liġi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruħhom, f'din l-aħħar ipotesi (mhux fl-ewwel waħda tal-fatt kompjut), taħt il-liġi l-ġdida".* ("Chev. Antonio Cassar Torreġġiani nomine -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine", Appell Ċivili, 12 ta' Mejju, 1950).

Il-Qorti tal-Appell spjegat li din il-predetta deċiżjoni tkompli tillustra fuq l-insenjament ta' awturi kontinentali, illi f'tema ta' dritt transitorju, għandhom jiġu rigwardati fost oħrajn, dawn il-prinċipji:-

i. li l-attijiet jew it-trasferimenti huma regolati mil-liġi li taħtha jkunu ġew kompjuti;
ii. li l-attijiet mibdija taħt il-liġi l-antika, u li jestendu ruħhom taħt il-ġdida għandhom jiġu regolati minn din tal-aħħar;
iii. li meta jkun jeżisti veru u proprju dritt kweżit kompjut taħt il-liġi anteċedenti, dak id-dritt għandu effikaċja fih innifsu, li jirreżisti għall-applikazzjoni tal-liġi l-ġdida, f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri.

It-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet, ***Renato J Costigan vs Malta Drydocks Corporation, Industrial Projects & Services Ltd u Malta Shipyards Ltd*** u ċioe`:

*"...Indubitament, in tema ta' dritt ir-retroattivita` għandha karetteristika eċċezzjonali. Dan għaliex, di regola, il-liġi ma tiddisponix ħlief għall-futur. Anke fejn applikabbli pero`, huwa biss in-normi ta' natura proċesswali, u mhux ukoll dawk ta' indoli sostanzjali, li jistgħu jsibu applikazzjoni immedjata fil-ġudizzju in korso. Sostanzjalment, il-materja tibqa' dixxiplinata mil-liġi viġenti fil-mument li jkun introdott l-att relattiv inizzjali;*

*(3) Id-delimitazzjoni tan-normi l-ġodda introdotti ġiet bosta drabi operata billi wieħed jirrikorri għal dak magħruf bħala d-dritt kweżit li jfisser li n-normi l-ġodda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwiżittiv u validu taħt il-liġijiet eżistenti u li jkunu allura ġja jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu;*

*(4) Dan kollu jinsab aħjar spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Michele Muscat -vs- L-Onor. Roberto Briffa Collettore delle Dogane", Qorti Ċivili, Prim'*

*Awla, 12 ta' April 1919 (Kolleż. Vol. XXIV P II p 16). A propożitu fiha ntqal dan:-*
*"Che è principio, che la legge esercita il suo impero colla promulgazione, che si confonde nel concetto giuridico colla sua pubblicazione o dal giorno in cui se ne fosse dato avviso, ed è inerente alle indole ed alla natura della legge che la stessa non disponga che per l' avvenire senza estendere il suo impero ai fatti gia compiuti e consumati.*
*" 'Leges et constitutiones certum est futuris dare formem negotiis et non ad facta praeterita revocari' (Leg. 7 Cod. de Legibus). La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculos retro'.*
*"Che quantunqe sia in facolta del legislatore espressamente dichiara, che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati. 'Nisi nominatim' scriveva l' antichita`, 'et de praeterito tempore et ad hoc pendentibus negotiis cautum sit' (Cod. de legibus)";*

*(5) Issokta jiġi puntwalizżat illi minn dan li ntqal jitnissel li "sew jekk id-dritt kweżit ikun kompjut, sew jekk ikun l-oriġini ta' fatt li jkun ġara taħt il-liġi preċedenti, u d-dritt skond dik il-liġi jkun perfett u kompjut, u fl-istess ħin ikun daħal fil-patrimonju ta' min jirreklamah, u l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu tippreżenta ruħha taħt il-liġi l-ġdida, fl-ewwel ipotesi għaliex ir-retroattivita` hija mpossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi l-għaliex l-istess dritt ikun perfett taħt il-liġi antika qabel ma nħolqot l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu taħt il-liġi ġdida, l-istess għandu jiġi rispettat, u l-liġi ġdida; ma għandhiex, skond il-prinċipji elementari tal-ġustizzja u ekwita`, ikollha setgħa fuqu" -"Chev. Antonio Cassar Torreġġiani nomine -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine", Appell Ċivili, 12 ta' Mejju 1950 (Kolleż. Vol. XXXIV P I p 148)."*

Fid-deċiżjoni ***Scicluna Enterprises (Gozo) Limited vs Enemalta Corporation***, deċiża fil-25 ta' Mejju 2007, il-Qorti tal-Appell għamlet tagħha l-insenjamenti riportati mill-ewwel Qorti, u sostniet is-segwenti fir-rigward ta' dritt kweżit:

*"Fir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjalment komposta fit-12 ta' Mejju, 1950 fil-kawża fl-ismijiet "***Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine vs Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe****" (Kolleż* ***Vol XXXIV pl p148****) fejn ġew żvolti l-prinċipji tad-dritt transitorju f'każ ta' liġi ġdida li tħassar jew temenda oħra anteċedenti.*
*"Fiha ntqal bħala kumment ġenerali illi "meta ġudikant jew interpreti jiġi sabiex japplika l-liġi għall-każ prattiku l-ewwel tfittxija u ndaġini li*

*għandha ssir minnhom hi dik li jaraw liema liġi għandha tiġi applikata; u din in-neċessita' tidher aktar ċara speċjalment meta liġi ġdida tiġi attivata u magħmula effikaċi dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-liġi anterjuri. Dan aktar u aktar joħroġ ċar meta jiġi konsiderat illi l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkominċjament tagħhom taħt l-impenn ta' liġi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruħhom taħt il-liġi l-ġdida".*

*"B'mod speċifiku fiha ngħad ukoll, fuq l-awtorita' ta' bosta trattisti, illi jekk il-liġi anterjuri ma tkunx ġiet applikata, jew ma jkunx wasal iż-żmien għall-applikazzjoni tagħha, u flistess ħin tkun ħarġet liġi ġdida li taffettwa diversament u aktar gravement il-fatt li sar taħt il-liġi preċedenti, jekk ma jkunx hemm veru u proprju dritt kweżit fil-persuna effettwata, għandha jkollha setgħa l-liġi l-ġdida.*

*"Dawn il-prinċipji ġew reċentement approvati u sostnuti minn din il-Qorti fil-kawża "**Fava vs Mamo noe",** deċiża fit- 3 ta' Ottubru, 2003......"Għar-rigward ta' x'jitqies dritt kweżit, issir riferenza għat-teorija tal-ġurista Gabba, li t-trattat tiegħu "Della Retroattivita' delle Leggi", kien u għadu jitqies bħala l-locus classicus fuq il-materja hawn investigata. Skond dan il-ġurista:*

*""E' acquistato ogni diritto che:*
*"(a) e' conseguenza di un fatto idoneo a produrlo, in virtu' della legge del tempo in cui il fatto venne compiuto, benche' l'occasione di farlo valere non siasi presentata prima dell'attuazione di una legge nuova intorno al medesimo, e che*
*"(b) a termine della legge sotto l'impero della quale accade il fatto da cui trae origine, entro' immediatamente a far parte del patrimonio di chi lo ha acquistato".*

*"Minn dan isegwi li biex dritt jista' jitqies kweżit hu meħtieġ li dak id-dritt ikun jifforma parti mill-partimonju ta' dik il-persuna, u dik il-persuna tkun trid akkwistat l-effett vantaġġjuż indikat bil-liġi, u dak id-dritt m'għandux jirreferi għal "fundamental premises" għal esistenza ta' dak id-dritt. Biex fatt jista' jagħti dritt kweżit hu meħtieġ li dak il-fatt kien fait accompli. Fatt li ma joħloqx fait accompli jista' jagħti lok għal "expectation", iżda mhux għal dritt kweżit. Meta fatt ikun jeħtieġ diversi stadji għal kostituzzjoni tiegħu, jitqies, skond Gabba, li jeżisti ġia dritt kweżit meta jew dak li għad irid iseħħ huwa inevitabbli u żgur jsir, jew meta dak li għad irid iseħħ għandu jitqies bħala sempliċi kontinwazzjoni ta' dak li hu ġia fait accomplit..."Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Onorabbli*

*Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "**Michael Zammit et vs Joseph Ellul Vincenti noe**", mogħtija fil-31 ta' Lulju, 1996, fejn intqal li bil-fatt li wieħed applika għal liċenzja u ħallas u ngħata riċevuta għaliha, ma jfissirx li hu ngħata l-liċenzja u din daħlet fil-patrimonju tiegħu; dak li kellu r-rikorrent f'dik il-kawża kien "expectation" li jingħata l-liċenzja, li hi differenti mill-liċenzja nfisha."*

Il-prinċipju li fejn jeżisti veru u proprju, dritt kweżit kompjut taħt il-liġi anteċedenti, dan għandu effikaċja fih innifsu, li jirreżisti għall-applikazzjoni tal-liġi, f'każ ta' mutament tal-liġi anterjuri, ġie wkoll ribadit mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2013, fl-ismijiet ***AC vs Dr Beppe Fenech Adami et***.

Illi dan it-Tribunal, kemm b'referenza għal artikolu 12 (1) tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm b'referenza għall-ġurisprudenza senjalata hawn fuq, huwa tal-fehma illi f'dan il-każ partikolari, u ċioe` fejn tidħol il-materja tal-għoti ta' *warrant* permanenti ta' għalliema, il-leġislatur **<u>wera ħsieb ċar</u>** illi minn meta daħlu l-emendi tal-Att XIII tal-2006 *in vigore* l-istess għoti ta' *warrants* kellhom jiġu regolati espressament bl-istess emendi. Fil-fatt f'artikolu 41 (2) tal-Att ġie stipulat illi "***Persuna titqies li tibqa' eliġibbli għal warrant permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att qabel ma ġie emendat kemm il-darba fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima:***
***...."***

Għaldaqstant jirriżulta illi l-leġislatur, fl-istess emendi, ħaseb għall-eventwalita` li kien hemm persuni li setgħu kienu qegħdin jipprattikaw il-professjoni ta' għalliema b'*warrant* temporanju u ssalvagwardja l-interessi tagħhom billi stipula illi tali persuni setgħu jiksbu *warrant* permanenti jekk sal-2008 huma kellhom tmien (8) snin esperjenza bħala għalliema. Illi għalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, kien evidenti u ċar li l-ħsieb tal-leġislatur kien li mad-dħul *in vigore* tal-Att XIII tal-2006 l-għoti ta' *warrant* permanenti ta' għalliema jkun regolat esklussivament bl-emendi kif espressi fl-istess Att. Illi l-posizzjoni li ħa l-leġislatur kienet waħda ċara u inekwivoka u r-rikorrenti kienet konxja ta' dan it-tibdil fl-liġi tant li applikat ai termini tal-artikolu 41 tal-Att, liema artikolu daħal fis-seħħ permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2008.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi għalkemm ir-rikorrenti kienet bdiet teżerċita l-professjoni ta' għalliema *b'warrant* temporanju qabel ma ġie *in vigore* l-Att tal-2006 dan ma sarrafx f'xi dritt kweżit. It-Tribunal iqis li t-tibdiliet li ntroduċa l-leġislatur kienu ntiżi għal skopijiet tajba u mhux *ad personam* u ġew applikati b'mod mhux diskriminatorju u b'mod ġenerali.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rekwiżiti introdotti bl-Att jirriflettu *standards* għolja fl-aħjar interess tat-tagħlim f'Malta.

Għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-umli fehma illi d-deċiżjoni appellata hija waħda legalment tajba.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet esposti hawn fuq, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u filwaqt li jiċħad ukoll l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-intimati, jilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Maġistrat Dr Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**